# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 24 ta' Ġunju, 2019**

**Numru 12**

**Rikors Numru 1064/18TA**

**Av Peter Fenech bħala mandatarju speċjali tas-soċjeta` GoldService s.r.l**

**vs**

**Express Logigroup Ltd. (C 58205)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Ġuramentat tas-Soċjeta` Attriċi nomine preżentat u maħluf fis-26 ta' Ottubru, 2018 mill-Avukat Peter Fenech bħala mandatarju speċjali tas-soċjeta` GoldService s.r.l li permezz tiegħu ippremetta u talab is-segwenti:-

"1. Illi l-partijiet kellhom relazzjoni kummerċjali bejniethom, liema relazzjoni kienet tikkonsisti f'servizzi ta' trasport ta' merkanzija mogħtija mis-soċjeta` rikorrenti lis-soċjeta` intimata;

2. Illi riżultat ta' dawn is-servizzi debitament mogħtija, inħarġu l-fatturi relattivi (korrispondenza fejn turi konferma tad-debitu dovut mis-soċjeta` intimata annessa u mmarkata bħala **Dok GS1**) iżda s-soċjeta` intimata naqset tħallas għall-uħud minn dawn is-servizzi lilha

prestati, senjatament sa minn Novembru elfejn u sbatax (2017) mingħajr ebda raġuni;

3. Illi l-ammont pendenti dovut lis-soċjeta` rikorrenti jammonta għas-somma ta' sebgħa u għoxrin elf, tlett u mija tmienja u għoxrin Ewro u erbgħin ċenteżmi (€27,328.40);

4. Illi s-soċjeta` intimata baqgħet inadempjenti nonostante li ġiet interpellata diversi drabi sabiex tħallas dan l-ammont dovut, kif jirriżulta mill-annessa korrispondenza mmarkata **Dok GS2**;

5. Illi dan id-debitu tas-soċjeta` intimata fil-konfront tar-rikorrenti huwa ċert, likwidu u skadut ai termini tal-artiklu 167 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u fil-fehma tar-rikorrenti, is-soċjeta` intimata m'għandhiex eċċezzjonijiet x'tagħti;

6. Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża.

Għaldaqstant l-esponent jitlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara lir-rikorrenti kreditriċi tas-soċjeta` intimata Express Logigroup Ltd. għas-somma ta' sebgħa u għoxrin elf, tlett u mija tmienja u għoxrin Ewro u erbgħin ċenteżmi (€27,328.40) rappreżentanti bilanċ minn somma totali mis-servizzi ta' trasport ta' merkanzija, debitament ilkoll flimkien, mogħtija mis-soċjeta` rikorrenti lis-soċjeta` intimata, oltre imgħax sad-data tal-pagament effettiv;

2. Tikkundanna lis-soċjeta` intimata tħallas lir-rikorrenti s-somma ta' sebgħa u għoxrin elf, tlett mija tmienja u għoxrin Ewro u erbgħin ċenteżmi (€27,328.40) jew somma oħra verjuri rappreżentanti l-bilanċ dovut oltre imgħaxijiet sad-data tal-pagament effettiv; u

3. Tiddeċiedi l-kawża bid-dispensa tas-smiegħ ai termini tal-Art 167 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Bl-ispejjeż, inkluż dawk tal-mandat ta' sekwestru, ppreżentat kontestwalment mar-rikors odjern u bl-imgħaxijiet legali ulterjuri dovuti kontra l-intimata li hi minn issa nġunta għas-subizzjoni."

Rat li s-Soċjeta` Konvenuta ġiet notifikata skont il-liġi;

Rat li minkejja s-Soċjeta` Konvenuta ġiet mogħtija l-fakolta` li tippreżenta risposta ġuramentata fi żmien għoxrin (20) ġurnata, u dan fl-udjenza tat-30 ta' April 2019, baqgħet kontumaċi;

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti;

Semgħet ix-xhieda ta' Dr. Peter Fenech fl-udjenza tal-21 ta' Mejju, 2019;

Rat li fis-seduta tal-21 ta' Mejju, 2019 is-Soċjeta` Konvenuta mogħtija l-fakolta` li tagħmel nota ta' sottomissjonijiet ai termini tal-artikolu 158(10) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta baqgħet inadempjenti;

Rat li l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

**Punti ta' fatti**

Jirriżulta li s-Soċjeta` Attriċi provdiet servizzi ta' trasport ta' merkanzija fuq talba tas-Soċjeta` Konvenuta. L-ammont li qed ikun reklamat f'din il-kawża mis-Soċjeta` Attriċi huwa dak ta' sebgħa u għoxrin elf tlett mija tmienja u għoxrin u erbgħin ċenteżmu (€27,328.40). Mitluba biex tħallas dan l-ammont is-Soċjeta` Konvenuta baqgħet inadempjenti u għalhekk kellha ssir din il-kawża.

**Punti ta' Liġi**

Il-punt ta' liġi huwa wieħed sempliċi. Ħlas dovut mis-Soċjeta` Konvenuta lis-Soċjeta` Attriċi għal servizzi reżi. Għalhekk is-Soċjeta` Attriċi qegħdha tirrikjama kreditu fl-ammont fuq imsemmi.

**Konsiderazzjonijiet**

Il-Qorti hija sodisfatta mill-provi prodotti mis-Soċjeta` Attriċi li irnexxielha tipprova li l-ammont minnha mitlub tassew huwa dovut mis-Soċjeta` Konvenuta, dan anke fid-dawl tad-dokumenti esebiti mar-rikors promotur.

Is-Soċjeta` Konvenuta ingħatat saħansitra l-fakolta` li tikkontesta l-kawża billi tippreżenta risposta ġuramentata, iżda baqgħet ma għamlet xejn. Dan ifisser li s-Soċjeta` Attriċi irnexxielha tipprova l-pretensjonijiet tagħha.

**Decide**

lGħaldaqstant il-Qorti qegħdha għar-raġunijiet fuq imsemmija:-

**Tilqa'** l-ewwel talba attriċi u tiddikjara lis-Soċjeta` Attriċi kreditriċi tas-Soċjeta` Konvenuta Express Logigroup Ltd. għas-somma ta' sebgħa u għoxrin elf, tlett mija tmienja u għoxrin Ewro u erbgħin ċenteżmu (€27,328.40) rappreżentanti bilanċ minn somma totali mis-servizzi ta' trasport ta' merkanzija, debitament ilkoll flimkien, mogħtija mis-Soċjeta` Attriċi lis-Soċjeta` Konvenuta, oltre imgħax sad-data tal-pagament effettiv.

**Tilqa'** t-tieni talba attriċi u tikkundanna lis-Soċjeta` Konvenuta tħallas lis-Soċjeta` Attriċi s-somma ta' sebgħa u għoxrin elf, tlett mija tmienja u għoxrin Ewro u erbgħin ċenteżmu (€27,328.40) jew somma oħra verjuri rappreżentanti l-bilanċ dovut oltre imgħaxijiet sad-data tal-pagament effettiv.

**Tastjeni** milli tieħu konjizzjoni tat-tielet talba fid-dawl tal-verbal magħmul fit-30 ta' April, 2019.

**Spejjeż** tal-kawża a karigu tas-Soċjeta` Konvenuta.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**